Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2024/2121(INI)

28.3.2025

EMENDI
1 - 280

Abbozz ta' rapport
Ciaran Mullooly
(PE769.954v01-00)

Ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta
(2024/2121(INI))

Emenda 1
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

Or. en

Emenda 2
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-EEA Nru 1/2024 - Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA),

Or. en

Emenda 3
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 6c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali fil-ġlieda kontra t-

tibdil fil-klima,

Or. en

Emenda 4
Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Liġi Ewropea dwar il-Klima")[5], li jistabbilixxi l-mira tan-newtralità klimatika tal-ekonomija kollha sal-2050 u jistabbilixxi impenn vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990,	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Liġi Ewropea dwar il-Klima")[5], li jistabbilixxi l-mira tan-newtralità klimatika tal-ekonomija kollha sal-2050 u jistabbilixxi impenn vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990,
[5] ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj.	[5] ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj.

Or. fr

Emenda 5
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-

manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724,

Or. es

Emenda 6
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika" (COM(2021)0550),

Or. en

Emenda 7
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza,

Or. es

Emenda 8
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021)0102),

Or. en

Emenda 9
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar il-ġejjer tal-UE u l-politika ta' koeżjoni: is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri (2021/2079(INI)[5a],
	[5a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:JOC_2022_493_R_0005

Or. en

Emenda 10
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-

politika ta' koeżjoni (2020/2039(INI),[5b]

[5b] ***https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0248_MT.html***

Or. en

Emenda 11
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt,

Or. en

Emenda 12
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda Territorjali 2030 – Futur għall-postijiet kollha, adottata fil-laqgħa informali tal-Ministri responsabbli għall-ippjanar spazjali, l-iżvilupp territorjali u/jew il-koeżjoni territorjali fl-1 ta' Diċembru 2020,

Or. en

Emenda 13
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025 COM (2025);

Or. en

Emenda 14
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet" (COM(2025)0090),

Or. en

Emenda 15
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-għan ambizzjuż ta' ***tranżizzjoni lejn*** ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ***jista' jagħti lok kemm għal*** opportunitajiet ***kif ukoll għal sfidi ġodda***	A. billi l-għan ambizzjuż ta' ***kisba ta'*** ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050***, bħala parti mill-impenn usa' tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika, għandu l-potenzjal***

għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni;

li jiġġenera benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostanzjali, inkluż il-ħolqien ta' industriji ġodda, opportunitajiet ta' impjieg u kwalità ta' ħajja mtejba; billi, fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni ***tista' wkoll taggrava d-disparitajiet eżistenti u toħloq vulnerabbiltajiet ġodda, b'mod partikolari f'reġjuni li huma struttralment żvantaġġati, li jiddependu ħafna mill-industriji b'intensità qawwija ta' karbonju, jew li ma għandhomx l-infrastruttura u l-aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ekwi li huma meħtieġa għall-adattament għal din it-tranżizzjoni rapida***; ***billi dawn l-isfidi huma aggravati aktar minn kriżi demografika li għaddejja bħalissa, inkluż tnaqqis u tixjiħ tal-popolazzjoni, li jirriskjaw li jimminaw il-ħila tal-UE li tilħaq l-objettivi minquxa fit-Trattati, jiġifieri dawk li jikkonċernaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, is-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-promozzjoni ta' konverġenza 'l fuq fir-reġjuni kollha;***

Or. en

Emenda 16
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-għan ambizzjuż ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju ***sal-2050*** jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni;	A. billi l-għan ambizzjuż ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju ***sa mhux aktar tard mill-2050*** jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni; ***billi t-tniġġis tal-arja u tal-ilma, ir-riskju tad-disponibbiltà tal-ilma kif ukoll il-faqar***

enerġetiku għadhom ġeneralment għoljin wisq f'ħafna reġjuni anqas żviluppati;

Or. en

Emenda 17
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-għan ambizzjuż ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ***jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal*** sfidi ***ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni***;	A. billi l-għan ambizzjuż ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ***bħalissa qed jikkawża diffikultajiet sinifikanti u*** sfidi ***serji għal ħafna reġjuni, minkejja li dan kellu jkun opportunità u joħloq possibbiltajiet ġodda għalihom***;

Or. en

Emenda 18
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-għan ambizzjuż ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni;	A. billi l-għan ambizzjuż ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni ***speċjalment ir-reġjuni tal-faħam***;

Or. en

Emenda 19
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-għan ***ambizzjuż*** ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ***jista'*** jagħti lok ***kemm għal opportunitajiet kif ukoll*** għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni;	A. billi l-għan ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ***se*** jagħti lok għal sfidi ***supplimentari u li ma jistgħux jingħelbu*** għar-reġjuni li ***diġà*** huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni;

Or. fr

Emenda 20
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi huwa essenzjali li r-reġjuni li huma affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika jirċievu l-appoġġ xieraq biex jimmaniġġjaw l-impatt ta' dik it-tranżizzjoni, u b'hekk jiġi żgurat li ma jesperjenzaw l-ebda staġnar ekonomiku jew telf sinifikanti ta' impjiegi; billi dawn ir-reġjuni jeħtiġilhom jibbenefikaw minn mekkaniżmi speċifiċi ta' rikonverżjoni u ta' appoġġ biex l-isfidi jinbidlu f'opportunitajiet ekonomiċi ġodda;

Or. ro

Emenda 21
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-kontinent Ewropew qed jisħon aktar malajr mill-bqija tad-dinja u r-riskji b'riżultat tat-tibdil fil-klima qed isiru aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu indirizzati;

Or. en

Emenda 22
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi r-reġjuni tal-UE jvarjaw ***b'mod konsiderevoli fil-karatteristiċi soċjoekonomiċi tagħhom*** u huwa ċar li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li tista' tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom;	B. billi r-reġjuni tal-UE ***huma kkaratterizzati minn grad għoli ta' diversità territorjali, ekonomika u soċjali, b'livelli li*** jvarjaw ***ta' xejriet ta' żvilupp, infrastruttura u demografiċi, u kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol,*** u huwa ċar li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li tista' tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom; ***billi l-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għandhom għalhekk jiġu implimentati b'mod li jindirizza dawn id-disparitajiet, billi jipprovdu soluzzjonijiet flessibbli, ibbażati fuq il-lokal/ir-reġjun u mfassla apposta li jqisu l-ħtiġijiet, il-karatteristiċi speċifiċi u l-potenzjal ta' kull reġjun; billi tali approċċ huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali madwar l-UE;***

Or. en

Emenda 23
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi r-reġjuni ***tal-UE*** jvarjaw b'mod konsiderevoli ***fil-karatteristiċi*** soċjoekonomiċi ***tagħhom*** u huwa ***ċar*** li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li ***tista'*** tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom***;***	B. billi r-reġjuni ***tal-Unjoni Ewropea*** jvarjaw b'mod konsiderevoli ***f'termini tal-karatteristiċi*** soċjoekonomiċi***,*** u huwa ***evidenti*** li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li ***kapaċi*** tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom***, għalhekk huwa essenzjali li jinżammu l-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta filwaqt li jiġi żgurat l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali***

Or. en

Emenda 24
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi r-reġjuni tal-UE jvarjaw b'mod konsiderevoli fil-karatteristiċi soċjoekonomiċi tagħhom u huwa ċar li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li tista' tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom;	B. billi r-reġjuni tal-UE jvarjaw b'mod konsiderevoli fil-karatteristiċi soċjoekonomiċi tagħhom u huwa ċar li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li tista' tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom; ***billi l-aktar reġjuni dgħajfa huma l-aktar li jbatu mit-tranżizzjoni, filwaqt lim attwalment, dawk l-aktar sinjuri biss jistgħu jibbenefikaw minnha;***

Or. en

Emenda 25
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi s-sitwazzjoni vulnerabbli tal-ġzejjer, ir-reġjuni insulari u ultraperiferiċi jeħtieġu enfasi u appoġġ partikolari, minħabba l-isfidi soċjoekonomiċi serji li jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni lejn il-miri tal-enerġija tal-UE għall-2030 u l-għan ta' ekonomija newtrali għall-klima sal-2050; billi l-iżvantaġġi koeżistenti tal-ġzejjer, li jirriżultaw mill-insularità, flimkien mal-impatt sever tal-kriżi klimatika, iqiegħdu liċ-ċittadini tagħhom fi żvantaġġ ulterjuri li jaggrava d-disparitajiet soċjali u ekonomiċi eżistenti; billi ż-żieda fl-okkorrenza ta' avvenimenti ta' temp estrem u diżastri naturali, bħal nixfiet, għargħar u nirien selvaġġi, tkompli twessa' l-lakuni fl-iżvilupp u xxekkel il-progress fl-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni insulari tal-UE;

Or. en

Emenda 26
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-reġjuni tal-UE jvarjaw b'mod konsiderevoli fil-karatteristiċi soċjoekonomiċi tagħhom u huwa ċar li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd li tista' tindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet territorjali u

soċjoekonomiċi differenti tagħhom; billi fil-kuntest ġeopolitiku attwali, b'inċertezzi relatati mas-sigurtà tal-enerġija u l-istabbiltà tas-swieq internazzjonali, ċerti reġjuni jista' jkollhom bżonn jirritornaw għal attivitajiet ekonomiċi tradizzjonali, inkluż f'setturi bħall-estrazzjoni jew l-isfruttament tar-riżorsi naturali, tal-anqas fuq perjodu ta' żmien qasir, sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet domestiċi u jnaqqsu d-dipendenza fuq sorsi tal-enerġija esterni;

Or. ro

Emenda 27
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-effettività ta' strateġiji ta' tranżizzjoni ġusta tiddependi minn użu koerenti u strateġiku mill-istrumenti finanzjarji tal-UE; billi l-frammentazzjoni tal-fondi fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali għandha impatt negattiv f'xi reġjuni;

Or. en

Emenda 28
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-objettiv ewlieni tal-Politika ta' Koeżjoni kien (u għadu) konverġenza ekonomika, iżda t-tranżizzjoni ekoloġika

thedded li treġġa' lura u teqred dawn l-aspirazzjonijiet billi żżid id-distanza ekonomika bejn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 29
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-riskji klimatiċi jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-popolazzjonijiet vulnerabbli minħabba fatturi soċjoekonomiċi li jkomplu jfixklu l-ħila tal-gruppi vulnerabbli li jirkupraw mid-diżastri;

Or. en

Emenda 30
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-iskonnessjoni fiżika u l-iżolament tal-gżejjer mill-art kontinentali jikkostitwixxu żvantaġġ strutturali permanenti li jaffettwa ħafna aspetti tal-ħajja ekonomika u soċjali, inkluż l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-mobbiltà, u s-servizzi pubbliċi; billi t-territorju limitat tal-gżejjer jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-opportunitajiet għal titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid professjonali, u b'hekk jillimita l-ħila tal-ħaddiema li jadattaw għal bidliet strutturali jew settorjali, bħal

dawk xprunati mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; billi, f'ħafna każijiet, dan in-nuqqas ta' alternattivi jwassal biex il-ħaddiema jitilqu mir-reġjuni fejn jgħixu sabiex jaċċessaw opportunitajiet ta' impjieg xi mkien ieħor, li effettivament jimmina "d-dritt li jibqgħu" li għandhom u jikkontribwixxi għad-depopolazzjoni u l-eżodu ta' mħuħ f'territorji insulari;

Or. en

Emenda 31
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-aktar problema urġenti bħalissa hija l-industrijalizzazzjoni tar-reġjuni aktar foqra - mhux id-deindustrijalizzazzjoni tagħhom permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika;

Or. en

Emenda 32
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-aktar reġjuni foqra u vulnerabbli jinsabu fil-parti tal-Lvant tal-UE;

Or. en

Emenda 33
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi l-gwerra fl-Ukrajna għandha impatt addizzjonali u negattiv fuq dawn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 34
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ħafna mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni kellhom kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli u dipendenza fuq ħaddiema staġjonali li kienu qed ifittxu ġustizzja soċjali qabel it-tranżizzjoni;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 35
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ħafna mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni kellhom kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli u dipendenza fuq ħaddiema staġjonali li	C. billi ħafna mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni kellhom kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli u dipendenza fuq ħaddiema staġjonali li

kienu qed ifittxu ġustizzja soċjali qabel it-tranżizzjoni;	kienu qed ifittxu ġustizzja soċjali qabel it-tranżizzjoni; ***billi tali ħaddiema ma jinsabux f'sitwazzjoni li jirċievu taħriġ mill-ġdid - li tirrikjedi minnhom it-tranżizzjoni ekoloġika;***

Or. en

Emenda 36
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***ħafna*** mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni ***kellhom*** kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli u dipendenza fuq ħaddiema staġjonali ***li kienu qed ifittxu ġustizzja soċjali qabel it-tranżizzjoni***;	C. billi ***xi whud*** mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni ***ffaċċjaw*** kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli u dipendenza fuq ħaddiema staġjonali;

Or. en

Emenda 37
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi tranżizzjoni ġusta għandha tagħti prijorità lill-inklużjoni soċjali u tisfrutta l-potenzjal sinifikanti tagħha li tiġġenera impjieg ta' kwalità fil-livelli kollha tal-ħiliet; billi din għandha tindirizza b'mod attiv id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u ta' kwalità u tgħolli l-istandards tax-xogħol fis-setturi kollha; billi l-politiki tat-tranżizzjoni ġusta għandhom jagħmlu enfasi partikolari fuq il-ħtiġijiet tal-aktar

komunitajiet affettwati u l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli; billi approċċ intersezzjonali għandu jiġi ssimplifikat b'mod sistematiku fil-leġiżlazzjoni u l-politiki kollha tal-UE u tal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-inklużjoni sħiħa ta' ħaddiema żgħar u akbar fl-età, in-nisa, il-persuni b'diżabbiltà u l-ħaddiema minn reġjuni u bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġati;

Or. en

Emenda 38
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-enerġija nukleari hija inkluża fit-tassonomija ekoloġika u għalhekk tikkontribwixxi għall-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata; billi investiment akbar f'din l-enerġija jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-awtonomija strateġika u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju; billi, barra minn hekk, dan is-sors ta' enerġija jkun sostitut effettiv f'termini ta' effiċjenza enerġetika, ħolqien tal-impjiegi u tkabbir ekonomiku fir-reġjuni li għaddejjin minn tranżizzjoni;

Or. es

Emenda 39
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà ekoloġika trid timxi id f'id mal-ġustizzja ekonomika u soċjali;

Or. en

Emenda 40
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi fl-UE, l-emissjonijiet medji ta' CO_2 mill-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-2023 ivarjaw b'mod sinifikanti fil-pajjiżi b'impjanti tal-enerġija nukleari u fil-pajjiżi mingħajrhom, u l-emissjonijiet fil-pajjiżi b'impjanti tal-enerġija nukleari huma ferm inqas;

Or. es

Emenda 41
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-eżodu ta' mħuħ jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-reġjuni anqas żviluppati u jekk ma jiġix indirizzat, il-fenomenu se jkollu effetti fit-tul u permanenti fuq il-futur tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 42
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-proċess tat-tranżizzjoni enerġetika jenħtieġ li jimxi id f'id mal-kompetittività ekonomika u li huwa essenzjali li tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija ta' dawn it-territorji;

Or. es

Emenda 43
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi l-Unjoni Ewropea, b'differenza mill-kompetituri prinċipali tagħha, hija mexxejja dinjija fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li qed tiffaċċja bosta sfidi minħabba l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku kumpless madwar id-dinja kollha;

Or. es

Emenda 44
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) kellu jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji	D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) kellu jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji

affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum dan il-Fond wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;	affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum dan il-Fond wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %; ***josserva, madankollu, li bosta muniċipji affettwati ma għandhomx infrastruttura bażika u servizzi essenzjali, li jxekkel il-ħila tagħhom li jattiraw investimenti produttivi li jiżguraw l-irkupru ekonomiku sostenibbli;***

Or. es

Emenda 45
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) kellu jkun ***għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu*** f'territorji affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ***ma jitħallewx lura***; billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;	D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) kellu jkun ***għodda komplementari importanti,*** f'territorji ***li jiddependu mill-fjuwils fossili*** affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika***, li kellu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, tal-impjieg, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni***; billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 % ***b'rata ta' prefinanzjament ta' aktar minn 31 %***;

Or. en

Emenda 46
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) kellu jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;	D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) kellu jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %; ***billi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jitolbu li jkun hemm xbieki ta' sikurezza u mekkaniżmi ta' protezzjoni effettivi biex jappoġġjaw lil dawk il-ħaddiema li l-impjiegi tagħhom huma affettwati;***

Or. en

Emenda 47
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) ***kellu jkun*** għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; ***billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;***	D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) ***huwa*** għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura;

Or. en

Emenda 48
Jan Farský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) ***kellu*** jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji affettwati mill-bidla lejn in-newtralità	D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) ***huwa u għandu jkompli*** jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji affettwati mill-bidla lejn

klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;	in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;

Or. en

Emenda 49
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi;	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi ***u jaqgħu aktar fi staġnar ekonomiku***; ***billi dawn iż-żoni ħafna drabi jesperjenzaw depopolazzjoni persistenti, aċċess limitat għall-investiment, infrastruttura inadegwata, konnettività insuffiċjenti u lakuna li qed tikber fil-produttività u fl-opportunitajiet ta' impjieg meta mqabbla ma' reġjuni aktar dinamiċi; billi mingħajr appoġġ komprensiv u strateġiji ta' żvilupp sostenibbli mfassla apposta għall-isfidi ġeografiċi u soċjoekonomiċi uniċi tagħhom, tali reġjuni jinsabu f'riskju ta' tnaqqis fit-tul, li jkompli japprofondixxi d-disparitajiet territorjali u jdgħajjef il-koeżjoni ekonomika u soċjali globali madwar l-UE;***

Or. en

Emenda 50
Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi;	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi***, u li r-reġjuni ultraperiferiċi, li jiffaċċjaw sfidi speċifiċi f'termini tal-provvista tal-enerġija, għandhom jibbenefikaw minn miżuri xierqa biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-fjuwils fossili, b'mod partikolari ż-żejt naturali, f'konformità mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni Ewropea***;

Or. fr

Emenda 51
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, ***dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi***;	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, ***ir-reġjuni li qabel kienu jiddependu mill-produzzjoni tal-enerġija mill-pit, il-minjieri u r-raffineriji jiffaċċjaw ir-riskju ta' tnaqqis ekonomiku, li jnaqqas il-kompetittività tagħhom***;

Or. en

Emenda 52
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi;	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri ***- kif ukoll reġjuni li qabel kienu metallurġiċi u***

	industriji oħra pożanti - jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi;

Or. en

Emenda 53
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi;	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat ***u finanzjarju***, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament inattivi;

Or. en

Emenda 54
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru ***aktar*** ekonomikament inattivi;	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru ***totalment*** ekonomikament inattivi;

Or. fr

Emenda 55
Elena Nevado del Campo, Borja Giménez Larraz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi n-natura territorjali tal-JTF hija waħda limitata u, fl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa rakkomandat li fil-fażi ta' programmazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għal wara l-2027, ikun hemm approċċ ibbażat fuq il-post li jqis l-għarfien akbar tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali f'żoni mmirati mill-intervent, billi meta jkun xieraq, iħeġġeġ li jitfasslu strateġiji minn isfel għal fuq li jqisu r-rwol tal-aktar entitajiet rappreżentattivi fit-territorji fil-mira tal-programmazzjoni;

Or. es

Emenda 56
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-bidliet demografiċi, inklużi d-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, qed jintensifikaw il-vulnerabbiltà ta' ċerti reġjuni tal-UE għall-inattività ekonomika, u għandhom jiġu indirizzati permezz ta' mekkaniżmi dedikati fil-QFP futur;

Or. en

Emenda 57
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ea. billi għad hemm disparitajiet fir-ritmu tat-tranżizzjoni diġitali u l-konnettività fl-Ewropa, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u remoti;

Or. en

Emenda 58
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-proċess ta' applikazzjoni għall-JTF irid jiġi ssimplifikat u jsir aktar flessibbli sabiex jiġi massimizzat ***l-użu tiegħu***;	F. billi l-proċess ta' applikazzjoni għall-JTF irid jiġi ssimplifikat u jsir aktar flessibbli sabiex ***tiġi żgurata aċċessibbiltà usa', u jkun jista' jsir użu aktar mgħaġġel u aktar effettiv mir-riżorsi; billi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri hija essenzjali biex*** jiġi massimizzat ***l-impatt tal-JTF, b'mod partikolari għar-reġjuni iżgħar u l-awtoritajiet lokali b'kapaċità amministrattiva limitata, u biex jiġi żgurat li l-appoġġ jilħaq lill-komunitajiet u lill-ħaddiema li huma l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika fi żmien xieraq***;

Or. en

Emenda 59
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-proċess ta' applikazzjoni għall-JTF irid jiġi ssimplifikat u jsir aktar flessibbli sabiex jiġi massimizzat l-użu tiegħu;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 60
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-integrità ambjentali tal-JTF trid tiġi infurzata permezz tal-applikazzjoni ta' kondizzjonalitajiet ambjentali msaħħa, inkluż l-infurzar sistematiku tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-implimentazzjoni ta' linji gwida u salvagwardji ambjentali komprensivi u trasparenti; billi l-applikazzjoni stretta tal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-ispejjeż assoċjati mar-restawr u l-protezzjoni tan-natura, u l-għoti ta' skop ġdid lis-siti affettwati minn attivitajiet ta' ħsara għall-ambjent jiġu mġarrba kompletament mill-kumpaniji u l-entitajiet responsabbli, b'mod partikolari dawk li bbenefikaw finanzjarjament minn tali attivitajiet;

Or. en

Emenda 61
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi xi Stati Membri, bħal Spanja, ilhom aktar minn deċennju progressivament jagħlqu l-industriji tagħhom b'intensità qawwija ta' karbonju, li wassal għal proċess ta' depopolazzjoni sinifikanti f'bosta żoni

rurali, li f'xi każijiet, qabeż il-50 %, anke qabel il-varar tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta;

Or. es

Emenda 62
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi approċċ territorjali u bbażat fuq il-post huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-istrumenti ta' finanzjament jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet lokali, speċjalment fl-appoġġ tat-trasformazzjoni industrijali u t-tisħiħ tal-kompetittività f'reġjuni li jinsabu f'riskju li jitħallew lura;

Or. en

Emenda 63
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi t-trasport huwa essenzjali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050; billi huwa meħtieġ aktar investiment biex tiġi aċċellerata l-bidla għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti f'konformità mal-Patt Ekoloġiku b'mod inklużiv u soċjalment ġust; billi l-mobbiltà individwali għandha tibqa' aċċessibbli u bi prezzijiet raġonevoli għal kulħadd, speċjalment għaċ-ċittadini taż-żoni rurali, remoti u tal-gżejjer, bi ftit li xejn aċċess għal trasport pubbliku ta' kwalità jew

soluzzjonijiet oħra ta' mobbiltà jew bl-ebda aċċess għal dan; billi ċerti reġjuni, komunitajiet u setturi, b'mod partikolari dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer, jiffaċċjaw sfidi tal-mobbiltà uniċi u sinifikanti biex jagħmlu din it-tranżizzjoni; billi dawn iż-żoni ħafna drabi jesperjenzaw diffikultajiet kumplessi minħabba l-iżolament ġeografiku tagħhom, aċċess limitat għal infrastruttura tat-trasport moderna u dipendenza eċċessiva minn modi ta' trasport tradizzjonali b'intensità qawwija ta' karbonju, li jxekklu l-ħila tagħhom li jadottaw alternattivi aktar sostenibbli; billi l-Politika ta' Koeżjoni għandu jkollha rwol pivotali biex tindirizza dawn id-disparitajiet u tappoġġja tranżizzjoni tal-mobbiltà ġusta u effettiva fir-reġjuni kollha;

Or. en

Emenda 64
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi infrastruttura reżiljenti, sikura u sostenibbli hija fundamentali biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima, tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali fit-tul u jiġi promoss tkabbir ekonomiku inklużiv; billi l-infrastruttura fis-setturi kollha, trid tissaħħaħ biex tiflaħ għall-impatti li qed jiżdiedu ta' avvenimenti relatati mal-klima, filwaqt li tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju; billi l-immodernizzar u d-diversifikazzjoni tas-sistemi ta' infrastruttura jistgħu jtejbu l-aċċessibbiltà, jippromwovu l-innovazzjoni,

u jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; billi r-reġjuni, speċjalment dawk li huma ġeografikament iżolati jew ekonomikament żvantaġġati, huma affettwati b'mod sproporzjonat mil-lakuni fl-infrastruttura u nuqqas ta' aċċess għal servizzi moderni; billi l-investimenti mmirati f'infrastruttura reżiljenti se joħolqu opportunitajiet ta' impjieg, itejbu l-ekwità soċjali, u jrawmu komunitajiet aktar b'saħħithom, billi jiżguraw li ż-żoni kollha, jibbenefikaw minn infrastruttura sostenibbli, affidabbli u aċċessibbli; billi l-Politika ta' Koeżjoni għandu jkollha rwol strateġiku biex tgħaqqad il-lakuni fl-infrastruttura, tippromwovi l-koeżjoni territorjali, u tiżgura li l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni ekoloġika;

Or. en

Emenda 65
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fd. billi t-turiżmu huwa settur essenzjali tal-ekonomija tal-UE, li direttament u indirettament jikkontribwixxi għal aktar minn 10 % tal-PDG tal-UE u għandu rwol vitali biex isaħħaħ il-kompetittività, il-benesseri soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, b'mod partikolari f'reġjuni li jiddependu ħafna mit-turiżmu; billi t-turiżmu għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-koeżjoni territorjali, b'mod partikolari f'reġjuni remoti, kostali, ultraperiferiċi u insulari, u jista' jappoġġja d-diversifikazzjoni ekonomika u t-tranżizzjoni ġusta f'żoni li jiffaċċjaw sfidi strutturali, tnaqqis fil-popolazzjoni

jew dipendenza minn industriji b'intensità qawwija ta' karbonju; billi l-industrija tat-turiżmu tal-UE, li fil-biċċa l-kbira hija magħmula minn 2,3 miljun SME, tħaddem madwar 12,3-il miljun persuna u tirrappreżenta attività ekonomika ċentrali b'effetti multiplikatur b'saħħithom f'diversi setturi; billi l-Politika ta' Koeżjoni għandha tappoġġja strateġiji ta' turiżmu sostenibbli bħala parti mit-tranżizzjoni ġusta, trawwem ir-reżiljenza, l-innovazzjoni, it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali fis-settur tat-turiżmu, filwaqt li tippromwovi tkabbir inklużiv u tippreserva l-wirt kulturali u naturali;

Or. en

Emenda 66
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Nimmiraw l-oqsma ta' telf ta' impjiegi	Nimmiraw l-oqsma ta' telf ta' impjiegi***, nirrevedu l-perjodi ta' żmien u n-networks tal-elettriku***

Or. es

Emenda 67
Jan Farský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jenfasizza l-importanza tat-tkomplija tal-JTF fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027 sabiex jiġi pprevenut it-telf ta' impjiegi u biex ir-reġjuni tal-JFT jiġu megħjuna fit-tranżizzjoni tagħhom lejn

ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;

Or. en

Emenda 68
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF ***għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF***;	1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF***, fi sħubija mal-Istati Membri u r-reġjuni***;

Or. fr

Emenda 69
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, ***b'aċċess prijoritarju*** għall-finanzjament ***mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF***;	1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, ***filwaqt li mhux biss jitqiesu l-kriterji ġeografiċi iżda wkoll dawk soċjali bħal rati ta' qgħad lokali, il-prekarjetà soċjoekonomika u ż-żieda fir-riskju ta' esklużjoni soċjali; jisħaq li l-aċċess*** għall-finanzjament ***għandu jkun ibbażat fuq analiżi bir-reqqa tal-impatti soċjali u ekonomiċi reali aktar milli s-sempliċi loġika ta' prossimità***

ġeografika;

Or. en

Emenda 70
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ***ta' siti ta' telf ta' impjiegi u*** żoni oħra ***fejn*** l-impatt ta' ***tali telf*** jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;	1. Jistieden lill-Kummissjoni***, fuq proposta mill-Istat Membru,*** tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet ***affettwati direttament*** f'raġġ ta' 50 km ***taż-żona fejn intilfu l-impjiegi, kif ukoll lil*** żoni oħra***, dment li huwa ġġustifikat kif xieraq li*** l-impatt ***dirett jew indirett*** ta' ***dan it-telf*** jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;

Or. en

Emenda 71
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;	1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF***, filwaqt li jiġi żgurat li l-irkupru ekonomiku jkun mmexxi mill-komunità u***

jkun sostenibbli;

Or. en

Emenda 72
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;	1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF***, filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet lokali***;

Or. es

Emenda 73
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' ***50*** km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;	1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni milquta mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' ***80*** km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;

Or. en

Emenda 74
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' delimitazzjoni aktar preċiża tal-ambitu territorjali tal-applikazzjoni tal-fondi, bħal pereżempju unitajiet amministrattivi lokali, kif huwa indikat fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, li għandhom densità tal-popolazzjoni baxxa, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat reġjonali (2021/C 153/01), sabiex jiġi żgurat li l-investimenti attwalment jilħqu l-muniċipalitajiet li huma affettwati direttament mill-għeluq ta' siti b'intensità qawwija ta' karbonju u li ma jkunux ikkonċentrati biss fuq ċentri urbani kbar fiż-żona tan-NUTS3; jipproponi li jiġu introdotti inċentivi fiskali effettivi għall-kumpaniji li jinsabu f'dawn il-muniċipalitajiet, skont is-sens tal-Artikolu 107(3)(a) u (c) tat-TFUE;

Or. es

Emenda 75
Matthias Ecke, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej iridu jiġu żviluppati fi strument ta' trasformazzjoni ġenwina li jiżgura tranżizzjoni soċjalment ġusta; jitlob li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) jinżamm fl-istruttura ta' finanzjament tal-futur u li l-JTF jiġi estiż

għal reġjuni li huma b'mod partikolari affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima minħabba n-natura settorjali tal-ekonomija tagħhom;

Or. en

Emenda 76
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Iqis li huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri biex titħaffef ir-rata ta' assorbiment tal-fondi tal-JTF, inkluż billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' appoġġ u ta' konsulenza għall-awtoritajiet lokali, sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni massima ta' dawn il-fondi essenzjali;

Or. ro

Emenda 77
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Il-ħolqien possibbli ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, filwaqt li jitqiesu l-impatti ekonomiċi, soċjali u tax-xogħol ta' dawn iż-żoni li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 78
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni attwali u dik futura għandha tkun iffukata ħafna fuq ir-reġjuni aktar dgħajfa u li l-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tat-tranżizzjoni ekoloġika għandha tkun waħda mill-prijoritajiet tagħha;

Or. en

Emenda 79
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jisħaq li, għalkemm l-użu tal-livell 3 tan-NUTS jirrappreżenta progress meta mqabbel mal-livell 2 tan-NUTS f'termini ta' mmirar territorjali, f'bosta każijiet għadu mhuwiex biżżejjed biex jiġi ggarantit li r-riżorsi jilħqu l-muniċipalitajiet li huma l-aktar affettwati direttament mit-tranżizzjoni enerġetika; jitlob li tiġi esplorata l-fattibbiltà tal-mekkaniżmi ta' applikazzjoni jew l-għoti ta' prijorità fil-livell muniċipali (LAU), speċjalment f'territorji rurali jew depopolati fejn seħħ l-għeluq effettiv ta' siti li jniġġsu;

Or. es

Emenda 80

Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jisħaq li l-politika ta' koeżjoni hija t-tweġiba t-tajba għad-disparitajiet ekonomiċi, u dan ir-rwol issa huwa b'mod partikolari importanti minħabba t-theddida tad-deindustrijalizzazzjoni; jenfasizza ħafna li t-tranżizzjoni ekoloġika ma għandhiex tagħmel ħsara lill-koeżjoni;

Or. en

Emenda 81
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 82
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;	2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali***, strumenti finanzjarji u inċentivi*** f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi ***temporanji u mmirati*** għan-negozji u l-investimenti, ***abbażi ta' kondizzjonalitajiet soċjali b'saħħithom*** flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi***, jappoġġjaw lill-SMEs*** u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni***, inklużi intrapriżi mikro u dawk li joperaw negozji lokali u mmexxija mill-familji tradizzjonali***;

Or. en

Emenda 83
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;	2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi***, dment li ma jimminawx il-prinċipju ta' stabbiltà fis-suq uniku,*** għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni***, billi jsaħħu l-iżvilupp regjonali u l-kompetittività***;

Or. en

Emenda 84
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;	2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi ***temporanji u mmirati*** għan-negozji u l-investimenti ***abbażi ta' kondizzjonalitajiet soċjali b'saħħithom***, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi ***ekoloġiċi ġodda*** u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 85
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jitlob l-introduzzjoni ta' regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, ***inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi*** għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;	2. Jitlob l-introduzzjoni ta' ***miżuri u*** regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, ***bħal inċentivi*** għan-negozji u l-investimenti, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet ***għall-operaturi ekonomiċi u*** għall-persuni li jgħixu f'dawn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 86
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob li r-reġjuni insulari jiġu inklużi bħala żoni eleġibbli għall-applikazzjoni ta' rati tat-taxxa mnaqqsa fil-qafas taż-żoni ekonomiċi tal-JTF insulari, bil-għan li tiġi indirizzata l-ispiża għolja b'mod sproporzjonat tal-għajxien f'dawn it-territorji, li huwa aggravat aktar mill-impatti tat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-enerġija; jisħaq li tali miżuri fiskali huma essenzjali biex tissaħħaħ il-vijabbiltà ekonomika tal-komunitajiet tal-gżejjer, jiġu appoġġjati n-negozji lokali u jiġi attirat investiment sostenibbli; jenfasizza li inċentivi tat-taxxa mmirati jistgħu jservu bħala għodda effettiva biex tiġi miġġielda x-xejra persistenti tad-depopolazzjoni tal-gżejjer, jiġi promoss il-ħolqien tal-impjiegi u jitrawmu ekonomiji lokali reżiljenti u awtosuffiċjenti, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva lejn in-newtralità klimatika;

Or. en

Emenda 87
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw diskriminazzjoni pożittiva reali u effettiva fil-kriterji tal-għażla għal proġetti eliġibbli għall-JTF, billi jżidu l-punteġġ tal-inizjattivi tan-negozju li jinsabu direttament fil-muniċipalitajiet affettwati mill-għeluq ta' setturi b'intensità qawwija ta' karbonju, u b'hekk jiżguraw li dan l-inċentiv isarraf f'riżultati konkreti;

Or. es

Emenda 88
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jitlob li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-ħtieġa li jiġu promossi l-konnessjonijiet tal-elettriku għall-proġetti żviluppati f'żoni ekonomiċi speċjali u li jikkontribwixxu għar-rikonverżjoni u r-riindustrijalizzazzjoni ta' dawn ir-reġjuni;

Or. es

Emenda 89
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq ***li ntwera*** li ż-żoni ekonomiċi speċjali jagħtu spinta lill-investiment u t-tkabbir fir-reġjuni, bħaż-żoni ekonomiċi speċjali stabbiliti fl-Ajruport ta' Shannon fil-Kontea ta' Clare, l-Irlanda fl-1959, u f'Katowice, ir-reġjun ta' Silesia, il-Polonja fl-1996;	3. Jisħaq li ż-żoni ekonomiċi speċjali ***jistgħu*** jagħtu spinta lill-investiment u t-tkabbir fir-reġjuni, bħaż-żoni ekonomiċi speċjali stabbiliti fl-Ajruport ta' Shannon fil-Kontea ta' Clare, l-Irlanda fl-1959, u f'Katowice, ir-reġjun ta' Silesia, il-Polonja fl-1996; ***jinsisti madankollu li dawn il-mekkaniżmi jridu jiġu rregolati minn valuri Ewropej stringenti biex jiġi żgurat li l-benefiċċji ekonomiċi jilħqu b'mod effettiv lill-popolazzjonijiet lokali, tiġi pprevenuta kwalunkwe forma ta' dumping soċjali jew fiskali, u jkunu soġġetti għal kriterji stretti għal sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali;***

Or. en

Emenda 90
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jappella għal valutazzjoni tal-konvenjenza li l-applikazzjoni tal-perjodi ta' żmien tiġi estiża lil hinn minn tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni ħalli dawn ir-reġjuni jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi tat-tranżizzjoni stabbiliti; jenfasizza li t-tranżizzjoni tar-reġjuni eleġibbli għall-JTF għadha mhijiex kompluta u li se tkompli teħtieġ appoġġ speċifiku biex tindirizza l-isfidi differenti marbuta mat-tranżizzjoni enerġetika fil-futur;

Or. es

Emenda 91
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq li ż-żoni bi tnaqqis fil-popolazzjoni jirrikjedu attenzjoni speċjali fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-proġetti li jqisu sinerġiji bejn il-JTF u l-FEDER, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura biex titrawwem il-mobbiltà tal-ħaddiema; jitlob ukoll li jitkabbru t-territorji eleġibbli tal-JTF u li jitqiesu sinerġiji mal-SCF biex jiġu inklużi familji li jesperjenzaw il-faqar enerġetiku jew qegħdin fir-riskju li jesperjenzawh;

Or. en

Emenda 92
Nora Mebarek, Marcos Ros Sempere, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel enfasi speċifikament fuq il-muniċipalitajiet taħt il-livell amministrattiv NUTS 3, li huma aktar direttament affettwati minn sfidi soċjali, territorjali u ekonomiċi marbuta mat-tranżizzjonijiet;

Or. en

Emenda 93
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu estiżi n-networks tad-distribuzzjoni tal-elettriku bħala element meħtieġ għal tranżizzjoni enerġetika effettiva fit-territorji affettwati; jenfasizza, b'mod partikolari, li biex jiġi ffaċilitat investiment akbar fl-enerġija rinnovabbli, huwa essenzjali li tiżdied il-kapaċità ta' ospitar tan-networks u jissaħħu s-sistemi ta' ħżin tal-enerġija;

Or. es

Emenda 94
Nora Mebarek, Marcos Ros Sempere, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jitlob li ssir valutazzjoni adegwata tal-isfidi li jirriżultaw fit-territorji fejn it-tnaqqis fil-popolazzjoni huwa realtà;

Or. en

Emenda 95
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-fondi disponibbli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) biex jappoġġjaw il-proċess ta' tranżizzjoni fit-territorji affettwati;

Or. es

Emenda 96
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Itenni li ħafna mir-reġjuni tal-JTF għandhom storja kburija ta' taħriġ u apprendistati u li l-kontinwazzjoni tagħhom għandha tingħata prijorità;	4. Itenni li ħafna mir-reġjuni tal-JTF għandhom storja kburija ta' taħriġ u apprendistati u li l-kontinwazzjoni tagħhom għandha tingħata prijorità; ***jitlob li jkun hemm flussi ta' finanzjament speċifiċi fil-JTF biex jappoġġjaw in-nisa, iż-żgħażagħ u l-komunitajiet emarġinati biex jaċċessaw opportunitajiet ta' taħriġ u apprendistat;***

Or. en

Emenda 97
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Itenni li ħafna mir-reġjuni ***tal-JTF*** għandhom storja kburija ta' taħriġ u apprendistati ***u li l-kontinwazzjoni tagħhom għandha tingħata prijorità***;	4. Itenni li ħafna mir-reġjuni ***koperti mill-JTF*** għandhom storja kburija ta' ***ċirkostanzi ta'*** taħriġ u apprendistati ***li huma essenzjali għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema bi tweġiba għad-domandi l-ġodda tas-suq tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 98
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Itenni li ħafna mir-reġjuni tal-JTF għandhom storja kburija ta' taħriġ u apprendistati u li l-kontinwazzjoni tagħhom għandha tingħata prijorità;	4. Itenni li ħafna mir-reġjuni tal-JTF għandhom storja ***sinifikanti u*** kburija ta' taħriġ u apprendistati u li l-kontinwazzjoni tagħhom għandha tingħata prijorità;

Or. en

Emenda 99
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-JTF jippromwovi l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà billi jappoġġja l-

ħolqien ta' forom ġodda ta' impjieg sostenibbli mfassal apposta għall-ħtiġijiet tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-JTF jitfasslu biex ikunu inklużivi u aċċessibbli u jrawmu opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltà;

Or. en

Emenda 100
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Huwa tal-opinjoni li t-taħriġ vokazzjonali huwa rispons meħtieġ għat-trasformazzjoni ekonomika tar-reġjuni; jinnota li t-taħriġ vokazzjonali għandu biss kapaċitajiet limitati u li d-domanda għalih tindika l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kriżi kkawżata mit-tranżizzjoni ekoloġika;

Or. en

Emenda 101
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati***, inkluż billi l-ħiliet diġitali, il-litteriżmu u n-numeriżmu bażiku, kif ukoll il-ħiliet STEM jiġu integrati fi programmi ta' taħriġ, f'konformità mal-***

komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi u l-qafas strateġiku għall-edukazzjoni STEM; jinsisti fuq l-importanza ta' finanzjament immirat biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u tekniċi bażiċi ħalli jittejbu l-impjegabbiltà u l-kompetittività; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;

Or. en

Emenda 102
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim; ***jinnota li t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-edukazzjoni tul il-ħajja jridu jiżguraw li ħadd, irrispettivament mis-settur tax-xogħol tiegħu, it-tip ta' kuntratt, il-ġeneru jew il-pożizzjoni ġeografika tiegħu ma jintesa fit-triq lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE;***

Or. en

Emenda 103
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li

tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim ***għat-tfal u l-istudenti li ġejjin miż-żoni affettwati, inkluż appoġġ finanzjarju għall-edukazzjoni għolja sal-livell tal-università***;

Or. en

Emenda 104
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ***, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema għal impjieg alternattiv, inkluż permezz ta' assistenza għat-tiftix ta' impjieg,*** fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;

Or. en

Emenda 105
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati***, inkluż fil-ħiliet ekoloġiċi u diġitali***; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;

Or. en

Emenda 106
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament ***għat-tagħlim***;	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' ***miżuri ta'*** finanzjament ***marbuta mat-tagħlim***;

Or. es

Emenda 107
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament ***adegwat tal-UE*** għat-tagħlim;

Or. en

Emenda 108
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li	5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li

tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza ***l-ħtieġa*** ta' finanzjament għat-tagħlim;	tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza ***l-possibbiltà*** ta' finanzjament għat-tagħlim;
	Or. fr

Emenda 109
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali li għandhom l-investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja biex jibnu r-reżiljenza soċjali u jindirizzaw il-kriżijiet ekonomiċi u soċjali; jemmen, barra minn hekk, li l-finanzjament għandu jkun aktar immirat lejn l-investiment fin-nies, peress li l-ekonomiji tar-reġjuni tal-UE jistgħu jingħataw spinta permezz ta' taħlita effettiva ta' investimenti fl-innovazzjoni, fil-kapital uman, fil-governanza tajba u fil-kapaċità istituzzjonali;
	Or. en

Emenda 110
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw għall-apprendistati, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;	6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw għall-apprendistati, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati***, billi tingħata prijorità wkoll lil taħriġ iffukat fuq il-kura għall-anzjani,***

kif ukoll tiġi promossa l-intraprenditorija lokali permezz ta' programmi biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' intrapriżi mikro, kooperattivi u ekonomiji soċjali adattati għall-karatteristiċi tar-reġjun;

Or. es

Emenda 111
Valentina Palmisano, Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta ***jintużaw għall-apprendistati***, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;	6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta ***jiġu allokati għal programmi ta' apprendistat ta' kwalità għolja, billi jiġi żgurat li dawn il-programmi joffru remunerazzjoni adegwata, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u taħriġ ta' kwalità, f'konformità mal-prinċipji tad-Direttiva tal-UE 2022/2041 dwar pagi minimi adegwati***, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;

Or. en

Emenda 112
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw għall-apprendistati, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;	6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw għall-apprendistati, ***għat-taħriġ mill-ġdid u għat-titjib tal-ħiliet*** filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati; ***jinnota li l-programm għandu jheġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja***

għall-ħaddiema kollha fir-reġjun;

Or. en

Emenda 113
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw għall-apprendistati, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;	6. Jitlob li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw għall-apprendistati ***u t-taħriġ vokazzjonali li jallinja mal-ħtiġijiet tal-komunità lokali***, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;

Or. en

Emenda 114
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li ***mill-inqas 50 %*** tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta ***jintużaw*** għall-apprendistati, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;	6. Jitlob li ***parti sinifikanti*** tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta ***tintuża*** għall-apprendistati, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati;

Or. fr

Emenda 115
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob ***li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw*** għall-apprendistati***, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati***;	6. Jitlob ***lill-Istati Membri jinkludu approċċ immirat għall-edukazzjoni u*** għall-apprendistati ***fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta***;

Or. en

Emenda 116
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi mekkaniżmu speċifiku fil-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta sabiex jiġi ggarantit l-adattament tal-kriterji ta' eliġibbiltà u r-rati ta' kofinanzjament għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-PTEE, li jippermetti wkoll li jirrispondi aħjar għal sfidi partikolari marbuta mal-insularità, l-element imbiegħed u l-vulnerabbiltà ekonomika tagħhom;

Or. fr

Emenda 117
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jitlob li l-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni u li jkun hemm sinerġiji akbar bejn l-FSE+ u l-JTF, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 118
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jitlob li ***l-finanzjament*** tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni u li jkun hemm sinerġiji akbar bejn l-FSE+ u l-JTF, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ;	7. Jitlob li ***l-ġestjoni*** tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ***tkun iggwidata minn approċċ f'diversi livelli, li jinvolvi lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, li l-finanzjament*** ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni u li jkun hemm sinerġiji akbar bejn l-FSE+ u l-JTF, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

Or. en

Emenda 119
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jitlob li l-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni u li jkun hemm sinerġiji akbar bejn l-FSE+ u l-JTF, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ;	7. Jitlob li l-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni u li jkun hemm sinerġiji akbar ***u aħjar*** bejn l-FSE+ u l-JTF, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ***, u fir-rigward tal-mobbiltà tal-ħaddiema minn żoni bi tnaqqis demografiku***;

Or. en

Emenda 120

Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi r-rwol pivotali tal-industrija tal-karozzi fl-Unjoni Ewropea, inkluż fl-impjieg f'diversi reġjuni; iqis li l-inklużjoni tas-settur tal-karozzi fl-ambitu tat-tranżizzjoni ġusta hija essenzjali, minħabba l-isfidi maħluqa mill-kompetizzjoni globali fil-bidla għall-elettromobbiltà u l-impatt ta' ostakli kummerċjali mhux ġustifikati; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki mmirati li jagħtu prijorità lit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u inizjattivi mmirati lejn id-diversifikazzjoni tal-mudell ekonomiku tar-reġjuni b'industrija tal-karozzi sinifikanti;

Or. en

Emenda 121
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-Politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament f'tali każijiet;

Or. en

Emenda 122

Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jinnota li t-tranżizzjoni ekoloġika għandha dimensjoni tal-ġeneru b'saħħitha, fejn in-nisa għandhom it-tendenza li jkunu sottorappreżentati fl-impjiegi ekoloġiċi u l-irġiel għandhom it-tendenza li jkunu aktar affettwati meta jisparixxu impjiegi b'intensità qawwija ta' karbonju; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa ta' perspettiva tal-ġeneru meta jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki ta' tranżizzjoni kollha biex jiġi evitat li jiġu approfonditi d-distakki fis-swieq tax-xogħol lokali; ifakkar fl-importanza ta' tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta tal-ekonomija tal-kura u tas-settur tal-kura (bħall-indukrar bikri tat-tfal jew ix-xogħol ta' kura fit-tul), qasam tax-xogħol iddominat min-nisa li fih il-ħolqien tal-impjiegi huwa indispensabbli għad-distribuzzjoni mill-ġdid tax-xogħol ta' kura mhux imħallas, prekundizzjoni biex jiġi żgurat li n-nisa jkollhom opportunitajiet ta' xogħol ugwali daqs l-irġiel fit-tranżizzjoni, kif ukoll fid-dawl ta' theddidiet ġodda għas-saħħa relatati mat-tibdil fil-klima u t-tniġġis;

Or. en

Emenda 123
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jemmen li l-qafas ta' governanza

	huwa ċentrali għall-implimentazzjoni tat-Tranżizzjoni ġusta u li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati kollha jeħtiġilhom ikunu involuti fil-proċess ta' trasformazzjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-futur konġunt; f'dan ir-rigward għandhom jiġu applikati approċċ parteċipatorju u djalogu kontinwu fl-istadji kollha, inkluż għall-preparazzjoni ta' strateġija ta' żvilupp fit-tul, l-istabbiliment ta' skema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u approċċ transsettorjali;

Or. en

Emenda 124
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li ***l-ħaddiema*** li tilfu l-impjieg tagħhom ***jingħataw status speċjali*** biex jipparteċipaw fi skemi ta' impjieg u taħriġ appoġġjati mill-FSE+ fil-lokalità tagħhom;	8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri***, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, it-trade unions u n-negozji lokali*** biex tiżgura li ***tingħata attenzjoni partikolari lill-ħaddiema*** li tilfu l-impjieg tagħhom biex jipparteċipaw fi skemi ta' impjieg u taħriġ appoġġjati mill-FSE+ fil-lokalità tagħhom;

Or. en

Emenda 125
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom	8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom

jingħataw status speċjali biex jipparteċipaw fi skemi ta' impjieg u taħriġ appoġġjati mill-FSE+ fil-lokalità tagħhom;	jingħataw status speċjali biex jipparteċipaw fi skemi ta' impjieg u taħriġ appoġġjati mill-FSE+ ***jew Programmi oħra ta' finanzjament tal-UE*** fil-lokalità tagħhom;

Or. en

Emenda 126
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom ***jingħataw status speċjali*** biex jipparteċipaw fi ***skemi*** ta' impjieg u taħriġ appoġġjati mill-FSE+ ***fil-lokalità*** tagħhom;	8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom ***f'dan il-kuntest ikollhom aċċess prijoritarju*** biex jipparteċipaw fi ***programmi*** ta' impjieg u taħriġ appoġġjati mill-FSE+ ***fil-komunitajiet*** tagħhom;

Or. en

Emenda 127
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq fuq il-ħtieġa, li permezz tal-JTF, jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid ambizzjużi u mmirati wkoll għall-persuni li qed ifittxu impjieg u l-ħaddiema affettwati direttament mit-tranżizzjonijiet ekonomiċi xprunati mid-dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari f'setturi prijoritarji bħall-enerġija rinnovabbli, l-ekonomija ċirkolari, il-kostruzzjoni sostenibbli u l-mobbiltà, sabiex tiġi pprevenuta l-emerġenza ta' qgħad strutturali fit-tul u

	jiġu mmitigati t-tensjonijiet soċjali; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi allokat finanzjament speċifiku għal dawn l-azzjonijiet fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 128
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu"; ***jistieden lill-Kummissjoni toħroġ linji gwida speċifiċi dwar kif għandu jiġi implimentat u infurzat dan il-prinċipju fil-politiki kollha tal-UE; jitlob li jkun hemm integrazzjoni aktar b'saħħitha ta' dan il-prinċipju bħala prinċipju trażversali fil-politiki kollha tal-UE, sabiex jappoġġjaw l-objettivi tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, kif stipulat fl-Artikoli 3 u 174 tat-TFUE;***

Or. en

Emenda 129
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati

skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati ***f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza*** fil-komunitajiet tagħhom***,*** u ***b'hekk jingħataw*** "id-dritt li jibqgħu";	***programmi ta'*** apprendistat ***u taħriġ*** għaż-żoni affettwati ***mill-proċess ta' tranżizzjoni, li jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn in-negozji u l-komunità lokali; jissottolinja, li kull meta s-settur privat ma jagħmilx biżżejjed f'dan ir-rigward, is-settur pubbliku wkoll għandu jieħu rwol attiv, billi jiżgura li t-trainees ikollhom opportunitajiet*** fil-komunitajiet tagħhom u ***billi jiġi ssalvagwardjat*** "id-dritt li jibqgħu" ***tagħhom***;

Or. en

Emenda 130
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw ***"id-dritt li jibqgħu"***;	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat ***u programmi differenti għal tagħlim flessibbli fil-livelli kollha*** għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti ***u l-ħaddiema qiegħda*** jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom ***u oqsma professjonali ġodda***, u b'hekk jingħataw ***il-possibbiltà li jibqgħu u jibnu ħajja ta' suċċess fl-irħula tagħhom***;

Or. en

Emenda 131
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali ***biex*** l-istudenti ***jingħataw esperjenza*** fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali***, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs), iċ-ċentri universitarji għat-taħriġ u t-tagħlim ul il-ħajja, u l-amministrazzjoni pubblika sabiex*** l-istudenti ***jibnu futur professjonali*** fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";

Or. en

Emenda 132
Valentina Palmisano, Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali ***biex l-istudenti jingħataw esperjenza*** fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali ***u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, sabiex jibnu l-futur professjonali tagħhom*** fil-komunitajiet tagħhom, ***billi jiġu offruti esperjenzi sinifikattivi*** u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";

Or. en

Emenda 133
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-

komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";	komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu"***, li minn perspettiva ta' politika ta' koeżjoni huwa prijorità assoluta***;

Or. en

Emenda 134
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni affettwati f'kollaborazzjoni man-negozji lokali***, it-trade unions u l-awtoritajiet reġjonali u lokali*** biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jingħataw "id-dritt li jibqgħu";

Or. en

Emenda 135
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jissottolinja li programmi effettivi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet jirrikjedu ppjanar u preparazzjoni adegwati sew minn qabel kwalunkwe eliminazzjoni gradwali jew bidla industrijali sinifikanti; jirrikonoxxi li biex jinkiseb dan huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom id-dritt għal taħriġ bil-ħlas matul is-sigħat tax-xogħol, billi jiġu indirizzati l-ostakli primarji li jipprevjenu lill-ħaddiema milli

jippartečipaw fit-taħriġ, jiġifieri l-ispejjeż, l-impenji tal-familja, u limiti fl-iskedar; jitlob, għalhekk, li jkun hemm miżuri leġiżlattivi msaħħa tal-UE biex jiffaċilitaw l-antiċipazzjoni proattiva u l-ippjanar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiżguraw dawn id-drittijiet għall-ħaddiema kollha affettwati;

Or. en

Emenda 136
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jissottolinja li programmi effettivi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet jirrikjedu ppjanar u preparazzjoni adegwati sew minn qabel kwalunkwe eliminazzjoni gradwali jew bidla industrijali sinifikanti; jirrikonoxxi li biex jinkiseb dan huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom id-dritt għal taħriġ bil-ħlas matul is-sigħat tax-xogħol, billi jiġu indirizzati l-ostakli primarji li jipprevjenu lill-ħaddiema milli jippartečipaw fit-taħriġ, jiġifieri l-ispejjeż, l-impenji tal-familja, u limiti fl-iskedar; jitlob, għalhekk, li jkun hemm miżuri leġiżlattivi msaħħa tal-UE biex jiffaċilitaw l-antiċipazzjoni proattiva u l-ippjanar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiżguraw dawn id-drittijiet għall-ħaddiema kollha affettwati;

Or. en

Emenda 137
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol biex jiġi żgurat qafas ġust għal dawn it-tranżizzjonijiet, li jisfrutta l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni biex jiġi ffinanzjat taħriġ mingħajr ħlas matul is-sigħat tax-xogħol, ir-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba, u appoġġ imsaħħaħ għall-ħaddiema affettwati; iħeġġeġ ukoll koordinazzjoni akbar bejn il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Soċjali Ewropew+ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom fuq ir-riallokazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema affettwati minn ristrutturar industrijali;

Or. en

Emenda 138
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jipproponi l-ħolqien ta' mekkaniżmu reġjonali għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-iskemi ta' apprendistat, li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha – l-awtoritajiet lokali, l-impjegaturi, l-istituzzjonijiet edukattivi u ż-żgħażagħ. Dan jippermetti li l-istrateġiji għat-taħriġ jiġu aġġustati malajr għad-domandi tas-suq tax-xogħol u r-rispons dirett mill-parteċipanti, u b'hekk jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-effiċjenza tal-apprendistati fit-tul;

Or. ro

Emenda 139
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li, f'ħafna każijiet, it-tranżizzjoni ġusta qerdet it-tradizzjonijiet ekonomiċi, ir-rabtiet soċjali u ekonomiċi f'ħafna oqsma, u mhux biss ikkawżat kriżi ekonomika iżda wkoll waħda soċjali, li fost l-oħrajn, tidher fil-problemi mentali tal-impjegati.

Or. en

Emenda 140
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jenfasizza l-importanza li jinżamm il-Prinċipju tas-Sħubija u l-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija fil-programmazzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ kollu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-NGOs u l-partijiet ikkonċernati, inklużi l-NGOs ambjentali; jisħaq li dan il-proċess għandu jqis ukoll il-perspettiva tal-ġeneru;

Or. en

Emenda 141
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta injorat is-sitwazzjonijiet uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati, tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; jissuġġerixxi li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni;	10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta injorat is-sitwazzjonijiet uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati, tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; jissuġġerixxi li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni ***u jinsisti fuq il-ħtieġa ta' appoġġ miżjud għaż-żoni mbiegħda bħar-reġjuni ultraperiferiċi u l-PTEE, fejn l-opportunitajiet ta' rikonverżjoni huma aktar limitati minħabba l-ispeċifiċitajiet lokali tas-suq tax-xogħol***;

Or. fr

Emenda 142
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta ***injorat is-sitwazzjonijiet uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati,*** tal-ħaddiema ***part-time*** u ***tal-istudenti; jissuġġerixxi li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg*** staġonali ***ta' sostituzzjoni***;	10. Jissuġġerixxi li t-Tranżizzjoni Ġusta ***ma qisitx biżżejjed l-ispeċifiċitajiet tal-profili differenti*** tal-ħaddiema u ***l-komunitajiet affettwati; jesprimi dispjaċir għall-fatt ukoll li ma nħolqux alternattivi ta' xogħol*** staġonali***, kemm bħala sors ta' introjtu addizzjonali għall-ħaddiema kif ukoll bħala opportunità ta' introjtu għall-istudenti***;

Or. en

Emenda 143
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta ***injorat is-sitwazzjonijiet*** uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati, tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; jissuġġerixxi li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni;	10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta ***ma tatx prijorità lis-sitwazzjonijiet*** uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati, tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; jissuġġerixxi li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni;

Or. en

Emenda 144
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jissuġġerixxi*** li t-tranżizzjoni ġusta injorat is-sitwazzjonijiet uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati, tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; ***jissuġġerixxi*** li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni;	10. ***Jinnota*** li t-tranżizzjoni ġusta injorat is-sitwazzjonijiet uniċi tal-ħaddiema full-time affettwati, tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; ***jinnota*** li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni;

Or. en

Emenda 145
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***10a. Iwissi li xi whud mill-industriji li għalqu jew li jinsabu fil-proċess biex jagħlqu joffru kundizzjonijiet tax-xogħol ogħla mill-medja ekonomika, inklużi pagi ogħla, benefiċċji tar-riskju, u assigurazzjoni tas-saħħa għall-ħaddiema**

u l-familji tagħhom; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' finanzjament temporanju fl-ambitu tal-qafas tal-JTF biex jikkumpensa għad-differenza bejn il-benefiċċji tal-qgħad u s-salarju l-ġdid, u jippermetti tranżizzjoni aktar faċli u jiżgura li jiġu ssodisfati l-obbligi kuntrattwali kollha li kienu ssodisfati qabel;

Or. en

Emenda 146
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza l-ħtieġa li ***jiġu ffinanzjati*** bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ ***biex il-ħaddiema u l-familji*** tagħhom ***jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom***; ***jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid lis-sħab u lill-konjuġi tal-ħaddiema affettwati;***	11. Jenfasizza l-ħtieġa li ***jiġi kkomplementat il-finanzjament ta'*** bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ ***sabiex jiġi żgurat it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jikkunsidraw li jibdlu l-profil professjonali tagħhom kif ukoll tal-familji*** tagħhom;

Or. en

Emenda 147
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom	11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom

jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid lis-sħab u lill-konjuġi tal-ħaddiema affettwati;	jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom***, speċjalment in-nisa***; jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid lis-sħab u lill-konjuġi tal-ħaddiema affettwati;

Or. en

Emenda 148
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid lis-sħab u lill-konjuġi tal-ħaddiema affettwati;	11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid ***u edukazzjoni*** lis-sħab u lill-konjuġi tal-ħaddiema affettwati;

Or. en

Emenda 149
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid ***lis-sħab u lill-konjuġi*** tal-	11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; jipproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid ***lill-membri tal-familja*** tal-

ħaddiema affettwati;	ħaddiema affettwati;

Or. en

Emenda 150
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; ***jipproponi*** li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid ***lis-sħab u lill-konjuġi tal-ħaddiema affettwati***;	11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; ***jissuġġerixxi*** li l-JTF għandu ***jkompli*** joffri wkoll opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid ***lill-persuni li jfittxu impjieg***;

Or. en

Emenda 151
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jiġbed l-attenzjoni għall-qgħad u għall-qgħad fost iż-żgħażagħ b'mod partikolari f'ħafna reġjuni, żoni rurali u Stati Membri, u jenfasizza għalhekk il-ħtieġa ta' aċċessibbiltà għal akkomodazzjoni bi prezzijiet raġonevoli, trasport u edukazzjoni kif ukoll l-inklużjoni tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, b'mod partikolari minn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx;

Or. en

Emenda 152
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;	12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF***, b'mod partikolari fis-setturi tal-enerġija rinnovabbli, ir-rinnovazzjoni tal-enerġija, jew ir-riindustrijalizzazzjoni ekoloġika*** u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;

Or. en

Emenda 153
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art ***u*** bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;	12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art***,*** bini ***u assi oħra*** tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF***, inkluż sorsi ta' enerġija rinnovabbli,*** u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;

Or. en

Emenda 154
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;	12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF ***kull meta jkun possibbli*** u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;

Or. en

Emenda 155
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;	12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ***u monitoraġġ*** ta' dan il-proċess;

Or. en

Emenda 156
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li ***l-Istati Membri jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess***;	12. Jisħaq li ***l-proġetti tal-JTF għandhom ikunu koordinati u marbuta ma' strateġiji u inizjattivi lokali u nazzjonali biex jiżdied l-impatt tagħhom***;

Or. en

Emenda 157

Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ ***jipprijoritizzaw*** l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;	12. Jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ ***jiffavorixxu*** l-aċċess għal art u bini tal-Istat għal proġetti ġodda ta' impjiegi tal-JTF u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;

Or. fr

Emenda 158
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-Istati Membri ***jeħtieġ jipprijoritizzaw l-aċċess għal art u bini tal-Istat*** għal proġetti ***ġodda ta' impjiegi*** tal-JTF ***u li għandu jkun hemm sorveljanza ta' dan il-proċess;***	12. Jisħaq li l-Istati Membri***, kull meta jkun possibbli, għandhom jirkupraw, jirriabilitaw u jadattaw għal skop ġdid il-bini*** għal proġetti ***ffinanzjati fl-ambitu tal-qafas*** tal-JTF***;***

Or. en

Emenda 159
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li l-finanzjament pubbliku pprovdut permezz tal-JTF, FSE+, programmi oħra ta' finanzjament tal-UE u skemi nazzjonali għandu jiddependi minn impenji ċari mill-intrapriżi li jinvestu fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-

ġdid tal-ħaddiema; jenfasizza li kondizzjonalitajiet soċjali b'saħħithom marbuta espliċitament mat-taħriġ tal-forza tax-xogħol jiżguraw li l-miżuri ta' tranżizzjoni mhux biss jipproteġu l-impjieg iżda wkoll isaħħu l-impjegabbiltà fit-tul tal-ħaddiema; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw sistematikament rekwiżiti għal investiment fil-ħiliet fl-istrumenti ta' finanzjament rilevanti kollha;

Or. en

Emenda 160
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis kbir f'dawn l-aħħar snin ta' livell adegwat ta' finanzjament nazzjonali tal-Istati Membri favur l-ifqar reġjuni tagħhom; ifakkar fl-importanza li tiġi rrispettata r-regola tal-UE dwar l-addizzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu kif xieraq il-koeżjoni interna meta jabbozzaw u jimplimentaw il-proġetti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;

Or. en

Emenda 161
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13. ***Ifakkar*** li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari;	13. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari; ***ifakkar li tali migrazzjoni u depopolazzjoni jaffettwaw serjament il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, is-sigurtà tal-ikel, il-produttività u s-sostenibbiltà;***
	Or. en

Emenda 162
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari;	13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari; ***ifakkar fl-importanza ta' konnessjonijiet rurali-urbani b'saħħithom kif ukoll ta' appoġġ partikolari għan-nisa f'żoni rurali;***
	Or. en

Emenda 163
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li xi reġjuni ***tal-UE*** qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali	13. Ifakkar li xi reġjuni qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni ***fl-Unjoni***

qed jintlaqtu b'mod partikolari;	***Ewropea u barra minnha***, u ż-żoni rurali***, iż-żoni interni u r-Reġjuni Ultraperiferiċi*** qed jintlaqtu b'mod partikolari;

Or. en

Emenda 164
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari;	13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari; ***jissottolinja l-importanza strateġika tal-kwistjoni "dritt li jibqgħu";***

Or. en

Emenda 165
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari;	13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali***, il-gżejjer u ż-żoni remoti*** qed jintlaqtu b'mod partikolari;

Or. en

Emenda 166

Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari;	13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE ***b'attività intensiva fil-faħam*** qed jesperjenzaw ħruġ kontinwu ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u migrazzjoni, u ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari;

Or. en

Emenda 167
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrimarka li r-reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema, filwaqt li f'ħafna partijiet tal-Ewropa hemm kriżi tal-akkomodazzjoni u affollament eċċessiv fiż-żoni urbani, u jipproponi l-ħolqien ta' programm ta' akkomodazzjoni affordabbli f'reġjuni bħal dawn; Dan il-programm għandu jattira liż-żgħażagħ, u b'hekk jikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni ekonomika u soċjali ta' dawn iż-żoni;

Or. ro

Emenda 168
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq fuq l-urġenza li jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet demografiċi fl-oqfsa baġitarji futuri tal-UE; jitlob li jiġu inkorporati l-indikaturi demografiċi, il-miri reġjonali u l-għodod ta' politika risponsivi biex jappoġġjaw it-territorji li huma affettwati b'mod sproporzjonati mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, l-emigrazzjoni taż-żgħażagħ jew tnaqqis sostnut fil-popolazzjoni;

Or. en

Emenda 169
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 170
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049***, u bħala kriterju addizzjonali jinkludu l-allokazzjoni ta' fondi tal-JTF għat-territorji li qed jiffaċċjaw id-depopolazzjoni li antiċipaw l-għeluq tas-***

	setturi tagħhom b'intensità qawwija ta' karbonju, bħal fil-każ ta' Spanja, fejn f'xi muniċipalitajiet seħħ telf demografiku sa 50 %;

Or. es

Emenda 171
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049; ***jisħaq li dan għandu jkun ibbażat fuq dijanjożi soda u tbassir ekonomiku; jinsisti li l-proposti tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward għandhom iqisu s-sitwazzjonijiet differenti tar-reġjuni, it-tradizzjonijiet ekonomiċi u l-ispeċifiċitajiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 172
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049 ***u jħeġġeġ il-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema f'industriji affettwati mit-tranżizzjoni, li jippermettu lill-impjegati ta' qabel jibbenefikaw direttament mit-tiġdid ekonomiku***

reġjonali;

Or. en

Emenda 173
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***għal "ftehimiet*** soċjali" ***għall-impjegati li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049***;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***ta' "kuntratti*** soċjali" ***konklużi għall-fergħat tal-ekonomija li għaddejjin mill-proċess ta' tranżizzjoni ġusta u nnotifikati lill-Kummissjoni biex tapprovahom mingħajr dewmien***;

Or. en

Emenda 174
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob li tiġi stabbilita skema SURE 2.0 madwar l-UE biex tissalvagwardja l-impjieg u l-kapaċità industrijali matul tranżizzjonijiet ekonomiċi, teknoloġiċi, u dawk relatati mal-enerġija rapidi; jisħaq li tali skema, li tibbaża fuq l-esperjenza b'suċċess tal-programm oriġinali SURE matul il-COVID-19, tiżgura ż-żamma tal-impjiegi, it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, u trasformazzjoni industrijali strutturata, b'mod partikolari f'setturi b'riskju kbir ta' telf ta' impjiegi; jifhem li meta l-kapaċità industrijali u l-ħiliet jintilfu minn reġjun, ir-ritorn tagħhom huwa tassew diffiċli, jenfasizza li l-appoġġ finanzjarju permezz ta' SURE 2.0 għandu

jiddependi min protezzjonijiet soċjali b'saħħithom, ippjanar tat-tranżizzjoni proattiv, konsultazzjoni mal-ħaddiema, u investiment fil-ħiliet tal-forza tax-xogħol, u b'hekk jiġi pprevenut telf ta' impjiegi sojċalment għali u ekonomikament dannuż u l-protezzjoni ta' reġjuni żvantaġġati;

Or. en

Emenda 175
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jissottolinja li r-rwol ewlieni li għandha l-Politika ta' Koeżjoni biex twettaq il-prijoritajiet ta' politika tal-UE u ssaħħaħ l-ekonomija tal-UE billi tikkontribwixxi għal tranżizzjoni u żvilupp ġusti, inklużivi u sostenibbli, tippromwovi l-konverġenza ekonomika u soċjali bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, u trawwem l-innovazzjoni u l-impjieg; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, minħabba l-flessibbiltà limitata tal-QFP attwali, il-Kummissjoni rrikorriet għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-Politika ta' Koeżjoni, li mhijiex għodda ta' rispons għall-kriżijiet iżda li ntużat ripetutament biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fil-flessibbiltà baġitarja jew fil-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet fil-QFP għad-detriment tal-objettivi ta' politika fit-tul tagħha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni;

Or. en

Emenda 176
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri;	15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri; ***jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ l-awtonomija tagħhom fil-ġestjoni tal-fondi, b'mod partikolari billi r-restrizzjonijiet amministrattivi imposti mill-Kummissjoni jsiru anqas stretti ħalli jkunu jistgħu jadattaw il-kriterji tal-għażla fid-dawl tar-realtajiet nazzjonali u reġjonali;***

Or. fr

Emenda 177
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jaċċetta li*** l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri ***iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li*** l-Kummissjoni ***tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati*** Membri;	15. ***Jisħaq li, għalkemm*** l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri***, huwa kruċjali li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-applikazzjonijiet u jitwessa' l-ambitu tal-fond, billi jsir aktar flessibbli ħalli jippermetti li reġjuni oħra affettwati bl-istess mod jibbenefikaw minn dan l-appoġġ; jisħaq li*** l-Kummissjoni***, f'kollaborazzjoni mal-Istati*** Membri***, għandha toħroġ linji gwida interpretattivi dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni li jqajmu l-akbar inċertezza***;

Or. en

Emenda 178
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri;	15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda ***jitlob li jingħata rwol aktar b'saħħtu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lil dawk involuti direttament fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, billi jiġi żgurat li l-istrateġiji ta' finanzjament jallinjaw mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunitajiet affettwati mit-tranżizzjoni;*** jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 179
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri;	15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri ***u tiżgura koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej biex tithaffef l-allokazzjoni tal-fondi u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-inizjattivi tal-JTF***;

Or. ro

Emenda 180

Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri;	15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati Membri; ***jistieden lill-Istati Membri japplikaw approċċ konsistenti bejn il-JTF u l-investimenti fl-ambitu ta' fondi strateġiċi oħra marbuta mat-tranżizzjoni ġusta;***

Or. en

Emenda 181
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jaċċetta*** li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri ***iżda*** jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u ***li l-Kummissjoni*** tieħu approċċ aktar urġenti biex ***tinnotifika lill-Istati*** Membri;	15. ***Jirrikonoxxi*** li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF hija kwistjoni għall-Istati Membri**,** jissottolinja ***madankollu*** l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u ***jistieden lill-Kummissjoni*** tieħu approċċ aktar urġenti biex ***tikkoopera mal-Istati*** Membri ***ħalli jinstabu soluzzjonijiet imfassla apposta filwaqt li jiġi mħares bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà***;

Or. en

Emenda 182
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tissimplifika u tallinja l-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, billi tiżgura approċċ koerenti u koordinat biex tappoġġja l-istrateġiji għal tranżizzjoni ġusta; jisħaq li flussi ta' finanzjament frammentati jxekklu l-impatt u l-effiċjenza, u jitlob għalhekk li jkun hemm qafas unifikat u strateġiku li jippermetti s-sinerġiji fil-fondi rilevanti kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 183
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ il-ħolqien sistematiku tal-korpi ta' konsultazzjoni lokali f'territorji li jibbenefikaw mill-JTF, biex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali, it-trade unions, in-negozji, u s-soċjetà ċivili fil-governanza, l-għażla, u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati, u b'hekk tiżgura l-leġittimità u l-effettività tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 184
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza li l-JTF għandu jkun flessibbli biżżejjed biex jappoġġja ħafna inizjattivi differenti, skont il-ħtiġijiet lokali u reġjonali;

Or. en

Emenda 185
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jistabbilixxu "Kunsilli Lokali tal-Ħiliet" jew korpi simili bl-involviment ta' ħafna partijiet ikkonċernati, kif rakkomandat fil-komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, li jkunu inkarigati biex jagħrfu l-lakuni fil-ħiliet lokali, jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u jagħtu pariri dwar investimenti mmirati fl-ambitu tal-JTF u l-FSE+;

Or. en

Emenda 186
Rody Tolassy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li	***imħassar***

tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit;

Or. fr

Emenda 187
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 188
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit;	16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ***, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema għal impjieg alternattiv*** u li tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit; ***iħeġġeġ l-iskambju tal-għarfien prattiku l-aħjar prattiki bejn ir-reġjuni li***

għaddejjin minn tranżizzjoni, biex jitrawwem it-tagħlim reċiproku, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u l-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;

Or. en

Emenda 189
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit;	16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ***, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid*** u li tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit; ***jitlob, barra minn hekk, li jkun hemm sinerġiji mal-Inizjattiva l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida biex jitqiesu proġetti li jadattaw faċilitajiet antiki tal-industrija għal skop ġdid f'ċentri soċjali u kulturali, speċjalment f'żoni b'viċinat abbandunat;***

Or. en

Emenda 190
Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li	16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li

tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit;	tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dawk li qabel kienu reġjuni tal-faħam u tal-pit ***kif ukoll biex titnaddaf iż-żona mniġġsa madwar is-siti tal-estrazzjoni***;

Or. en

Emenda 191
Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-appoġġ tat-tranżizzjoni ġusta; jenfasizza l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati biex jiġu sfruttati investimenti addizzjonali, u jiġi żgurat li l-ebda reġjun jew komunità ma jitħallew jibqgħu lura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli;

Or. en

Emenda 192
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li approċċ territorjali u bbażat fuq il-post irid isejjes l-għodod finanzjarji kollha li jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta, b'mod partikolari dawk li jippromwovu r-reżiljenza industrijali u l-innovazzjoni; jenfasizza li tali approċċ huwa essenzjali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi reġjonali varji u biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' żvilupp

lokali;

Or. en

Emenda 193
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-pjanijiet għal żoni ta' tranżizzjoni ġusta jinkludu impenn ċar għall-iżvilupp tar-riġenerazzjoni strateġika u inizjattivi ta' żvilupp, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tal-intrapriżi u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni l-aktar affettwati mill-għeluq tal-produzzjoni tal-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 194
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza l-importanza li ssir enfasi fuq azzjonijiet bħall-adattament ta' faċilitajiet antiki tal-industrija u siti ta' minjieri għal skop ġdid f'ċentri innovattivi, ekoloġiċi u interattivi ġodda għall-kultura u attivitajiet multifunzjonali oħra;

Or. en

Emenda 195

Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jappella biex tiġi ggarantita libertà akbar tal-għażla tal-perkors ta' dekarbonizzazzjoni fil-livell lokali, billi jiġu promossi soluzzjonijiet varji, skont perspettiva teknoloġika, politika u ekonomika;

Or. es

Emenda 196
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jemmen li l-investimenti tal-impatt għandhom jingħataw prijorità u jkunu mmirati lejn infrastruttura ekoloġika lokali u proġetti tal-enerġija rinnovabbli, iffokati fuq it-titjib tal-effiċjenza enerġetika, inklużi r-rinnovazzjoni, l-iżvilupp u l-modifika retroattiva ta' bini effiċjenti fl-enerġija, l-infrastruttura lokali għar-riċiklaġġ u l-ġestjoni tal-iskart, l-espansjoni ta' installazzjonijiet reġjonali u lokali solari, eoliċi, u idroelettriċi, trasport sostenibbli li jistimula l-ekonomiji lokali u joffri potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjiegi lokali li ma jistgħux jiġu esternalizzati fl-industriji tal-kostruzzjoni, l-inġinerija, il-manutenzjoni u fl-industriji relatati;

Or. en

Emenda 197
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jappella biex jiġu stabbiliti sinerġiji akbar bejn is-settur pubbliku u dak privat bl-għan li jindirizzaw b'mod konġunt il-proċess ta' tranżizzjoni, b'hekk jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni produttiva tat-territorji affettwati;

Or. es

Emenda 198
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li l-JTF jimla dawn il-lakuni meta tiġi identifikata ħtieġa;	17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li l-JTF jimla dawn il-lakuni meta tiġi identifikata ħtieġa; ***jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ tekniku dedikat lir-reġjuni sa mill-aktar stadji bikrija, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom għal ippjanar minn isfel għal fuq u biex il-benefiċjarji potenzjali jiġu megħjuna fl-ippjanar ta' proġetti ta' kwalità għolja u li jħallu impatt; jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni robust biex jinvolvi b'mod attiv lill-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-iżvilupp, fl-eżekuzzjoni u fis-sorveljanza tal-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta; jenfasizza l-ħtieġa li l-ispeċifiċitajiet territorjali jiġu riflessi kompletament u li tiġi ggarantita parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati lokali, inklużi, is-soċjetà ċivili, it-trade unions, l-istituzzjonijiet tal-***

edukazzjoni għolja u l-kmamar tal-kummerċ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob li tiġi żviluppata strateġija ċara u operattiva biex jissaħħaħ l-assorbiment tal-fondi mill-awtoritajiet maniġerjali, billi l-assistenza prattika tiġi kkombinata mal-appoġġ għall-investimenti kapitali, u jitħeġġeġ l-użu ta' għodod prattiċi bħal mekkaniżmi ta' assistenza teknika u l-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz reġjonali biex jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-finanzjament u titjtejjeb l-effiċjenza tal-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 199
Elena Nevado del Campo, Susana Solís Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li l-JTF jimla dawn il-lakuni ***meta tiġi identifikata ħtieġa***;	17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li l-JTF jimla dawn il-lakuni ***u li r-riżorsi tal-FEŻR u l-JTF jagħtu prijorità speċifika lill-investiment fl-infrastruttura bażika, is-servizzi soċjali, in-networks tal-loġistika u l-konnettività, bl-għan li jagħmlu l-proġetti ġodda tan-negozju vijabbli fil-muniċipalitajiet li għaddejjin minn tranżizzjoni***;

Or. es

Emenda 200
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li ***l-JTF jimla*** dawn il-lakuni meta tiġi identifikata ħtieġa;	17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li ***kontinwazzjoni tal-fond għal tranżizzjoni ġusta timla*** dawn il-lakuni meta tiġi identifikata ħtieġa;

Or. en

Emenda 201
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li l-JTF jimla dawn il-lakuni meta tiġi identifikata ħtieġa;	17. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' finanzjament għal proġetti fuq skala minn isfel għal fuq; jirrakkomanda li l-JTF ***- jew mekkaniżmu futur ieħor -*** jimla dawn il-lakuni meta tiġi identifikata ħtieġa;

Or. en

Emenda 202
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi tal-ippjanar ekoloġiku demokratiku u parteċipattiv; jissottolinja li sabiex nimxu 'l quddiem bit-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta, il-kapaċitajiet fil-livelli kollha iżda b'mod partikolari tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali jeħtieġ li jissaħħu u jingħataw riżorsi

tajbin sabiex jiżguraw ippjanar ekoloġiku parteċipattiv, valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali ta' kwalità tal-proġetti, analiżi robusta fir-rigward tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika, u biex jiġi ggarantit l-assorbiment tal-fondi tal-UE filwaqt li jitnaqqas ir-riskju ta' diżimpenji fi tmiem il-perjodi ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 203
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tal-awtoritajiet lokali fl-ippjanar, l-għażla u l-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-JTF, li jmorru lil hinn minn konsultazzjoni pubblika biss, skont il-prinċipju ta' governanza b'diversi livelli minqux fir-Regolament (UE) 2021/1060; jisħaq li din il-parteċipazzjoni ttejjeb l-adegwatezza tal-proġetti għall-ħtiġijiet reali tat-territorji;

Or. es

Emenda 204
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq fuq l-importanza li l-

politika ta' koeżjoni, inkluż il-JTF, tiġi allinjata ma' strateġiji ta' innovazzjoni reġjonali u prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti biex tissaħħaħ il-kompetittività reġjonali, billi jiġi żgurat li l-investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, u d-diġitalizzazzjoni jappoġġjaw direttament id-diversifikazzjoni ekonomika u r-reżiljenza taż-żoni li għaddejjin minn tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 205
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza l-importanza li jitfasslu apposta mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE biex jgħinu aħjar lir-reġjuni li jiffaċċjaw l-aktar sfidi sinifikanti biex jiksbu t-tranżizzjoni ekoloġika; jissottolinja li l-QFP li jmiss irid iqis l-impatti assimetriċi tad-dekarbonizzazzjoni, b'riskju li jiġu aggravati d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali eżistenti fil-livell subnazzjonali;

Or. en

Emenda 206
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jkunu jistgħu jallokaw b'mod liberu parti

mill-fond tal-JTF għal prijoritajiet oħra relatati mat-tranżizzjoni ġusta, skont il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali speċifiċi tat-territorji tagħhom, mingħajr ma jkunu jeħtieġu approvazzjoni sistematika minn qabel mill-Kummissjoni;

Or. fr

Emenda 207
Ana Miranda Paz, Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jissottolinja li l-JTF għandu jkollu rwol deċiżiv fil-promozzjoni tad-dekarbonizzazzjoni u jiżgura li l-proġetti li jippromwovu asserzjonijiet ekoloġiċi qarrieqa jiġu pprojbiti mill-aċċess għall-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 208
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jissottolinja l-ħtieġa ta' involviment aktar b'saħħtu tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll fil-promozzjoni ta' approċċi minn isfel għal fuq sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet lokali u reġjonali bl-aħjar mod; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni ssaħħaħ approċċ minn isfel għal fuq fis-simplifikazzjoni futura tal-Politika ta'

koeżjoni billi tiżgura konsultazzjoni u involviment xierqa tal-LRAs, tal-NGOs u tal-SMEs;

Or. en

Emenda 209
Şerban Dimitrie Sturdza
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF; jissuġġerixxi li jsir progress sa 90 % tal-finanzjament għallgruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 210
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF; ***jissuġġerixxi li jsir progress sa 90 % tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;***	18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF;

Or. fr

Emenda 211
Ciaran Mullooly, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF***;*** ***jissuġġerixxi li jsir progress*** sa 90 % tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;	18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF ***u jappella għal mekkaniżmu ta' finanzjament simplifikat, inkluż prefinanzjament*** sa 90 % tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament***, u b'hekk l-organizzazzjonijiet volontarji u l-komunità lokali jingħataw is-setgħat biex iwettqu l-proġetti relatati mat-tranżizzjoni b'mod effettiv***;

Or. en

Emenda 212
Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Adrian-Dragoş Benea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF; ***jissuġġerixxi li jsir progress sa 90 %*** tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;	18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF; ***jisħaq fuq l-importanza li jingħata avvanz suffiċjenti*** tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;

Or. en

Emenda 213
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF; jissuġġerixxi li jsir progress sa 90 % tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;	18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' finanzjament korrispondenti għal gruppi fis-settur volontarju li japplikaw għall-JTF; jissuġġerixxi li jsir progress sa 90 % tal-finanzjament għall-gruppi li jitqiesu li huma ta' riskju baxx, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-gruppi jevitaw rati tal-imgħax ***u tariffi*** għoljin għat-tqabbil u t-tqarrib tal-finanzjament;

Or. en

Emenda 214
Elena Kountoura

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-impatt negattiv tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fuq gruppi volontarji u mingħajr skop ta' qligħ, iħeġġeġ li l-gruppi volontarji li jitqiesu ta' riskju baxx jingħataw aktar flessibbiltà biex jilħqu l-għanijiet tal-impjiegi;	19. Jenfasizza l-impatt negattiv tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fuq gruppi volontarji u mingħajr skop ta' qligħ, iħeġġeġ li l-gruppi volontarji li jitqiesu ta' riskju baxx jingħataw aktar flessibbiltà biex jilħqu l-għanijiet tal-impjiegi; ***jissottolinja r-rwol essenzjali li għandhom l-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jipprovdu rispons konkret u bbażat fil-komunità għall-ħtiġijiet soċjali taċ-ċittadini tal-UE u biex jappoġġjaw soluzzjonijiet inklużi u ffukati fuq in-nies għal tranżizzjoni ġusta; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi u tadatta r-regoli***

	eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat, inkluż permezz ta' aġġustament 'il fuq tal-limiti massimi tal-għajnuna mill-Istat għal attivitajiet immirati lejn ir-riintegrazzjoni tas-suq tax-xogħol; jenfasizza li tali aġġustamenti huma meħtieġa biex l-atturi tal-ekonomija soċjali jingħataw is-setgħa biex jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-għanijiet ta' impjieg u koeżjoni tal-UE, b'mod partikolari fir-reġjuni vulnerabbli u li għaddejjin minn tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 215
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza ***l-impatt negattiv tar-regoli*** dwar l-għajnuna mill-Istat ***fuq*** gruppi volontarji u mingħajr skop ta' qligħ***, iħeġġeġ li l-gruppi volontarji li jitqiesu ta' riskju baxx jingħataw aktar flessibbiltà biex jilħqu l-għanijiet tal-impjiegi***;	19. Jenfasizza ***li r-regoli*** dwar l-għajnuna mill-Istat ***jistgħu jiġu ssimplifikati, taħt kundizzjonijiet ġustifikati, għal*** gruppi volontarji u mingħajr skop ta' qligħ;

Or. en

Emenda 216
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza ***l-impatt*** negattiv tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fuq gruppi volontarji u mingħajr skop ta' qligħ, iħeġġeġ li l-gruppi volontarji li jitqiesu ta'	19. Jenfasizza ***l-ostaklu u impatt*** negattiv tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fuq gruppi volontarji u mingħajr skop ta' qligħ, iħeġġeġ li l-gruppi volontarji li

riskju baxx jingħataw aktar flessibbiltà biex jilħqu l-għanijiet tal-impjiegi;	jitqiesu ta' riskju baxx jingħataw aktar flessibbiltà biex jilħqu l-għanijiet tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 217
André Rougé, Rody Tolassy, Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni ***taħdem mal-Istati*** Membri ***sabiex ikun hemm aktar konsistenza u ċarezza fl-interpretazzjoni tal-liġijiet tal-UE dwar l-għajnuna*** mill-Istat ***sa fejn dawn japplikaw għall-gruppi komunitarji u dawk mingħajr skop ta' qligħ***;	20. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiggarantixxi lill-Istati*** Membri ***flessibbiltà akbar fl-applikazzjoni tar-regoli marbuta mal-għajnuna*** mill-Istat ***għall-proġetti rilevanti tal-JTF, sabiex jiġi evitat illi regolamenti wisq stretti jirrestringu l-inizjattivi nazzjonali li jiffavorixxu tranżizzjoni ġusta***;

Or. fr

